Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**Minuti - Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 43**

**Data:** Il-Ħamis, 26 ta' Ġunju 2025
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Skużati**
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Steven Axisa – Membru
H.E Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**43.1 Ittri ta' apoloġiji**

43.1.1 Il-President semma li, H.E Clifford Galea Vella Maslennikov, Kav. Paul Farrugia u Mr. Steven Axisa talbu li jkunu skużati.

43.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li jitniżżlu skużati.

**43.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 41**

43.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

43.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**43.3 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 42**

43.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

43.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**43.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 42**

43.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi u s-Sur Anthony Chircop ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-27 ta' Mejju 2025 u s-26 ta' Ġunju 2025 li kienet tammonta għal €67,253.86.

**43.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 41**

| | |
|---|---|
| **43.4.1 ALL Digital Summit** | Il-President semma li dan kien qed jiġi konkluż u li l-ispiża min-naħa tal-Assoċjazzjoni kienet ser tkun ta' massimu ta' €60,000. Semma li f' Lulju għandhom jerġgħu jiġu delegazzjoni minn Brussel sabiex tkun konkluża l-loġistika. |
| **43.4.2 CEMR** | Il-President semma li wara s-Summit li sar Oslo, l-Assoċjazzjoni kienet ikkonfermata bħala co-host ta' Summit ġewwa Malta f' Diċembru li ġej. L-Assoċjazzjoni ser tkun qed tfassal il-kontenut tal-konferenza kif ukoll il-loġistika. Semma wkoll li dak inhar ser ikun hemm ukoll l-elezzjonijiet għall-karigi għolja ta' CEMR għalhekk mistennija jkun hemm diversi delegazzjonijiet internazzjonali li jattendu. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**43.4.3 Duke of Edinburgh Awards**

Il-President semma li intbgħatet kwotazzjoni għall-membership ta' din l-in inizjattiva. Semma li din tgħelet għal madwar €10,000. Semma li minkejja li din tkopri żgħażagħ minn Malta u Għawdex kollu xorta għall-ewwel ftit snin ma jidhirx li ħa tkun viabbli. Għaldaqstant fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi kien hemm qbil li għalissa din ma ssirx.

**43.4.4 Identita' Malta**

Il-President semma li kellu laqgħa ma' CEO ta' Identita' fejn kien diskuss li l-Kunsill jagħti servizz ta' tiġdid tal-Karta tal-Identita' mill-Uffiċini tal-Kunsill għar-residenti li għandhom 65+. Semma li Idenita' ser tkun qed tiddeka persuna min-naħa tagħha sabiex tagħmel dan. Idealment l-applikazzjoni tkun diġa mimlija qabel imorru biex iġedduha. Semma li hemm lista ta' lokalita' li wrew intress u li ser ikun qe dikellmu lis-Sindki u s-Segretraji Eżekuttivi rispettivi.

**43.4.5 Prime Minister Scuola**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun parti mill-iskola politika sabiex tfajliet tal-eta' bejn 15 u 24 sena jkunu jistgħu jipparteċipaw f' taħriġ informali sabiex jissaħħu fil-komunikazzjoni, leadership u anki bil-possibbilita' li jimirħu fil-ħajja politika. Semma li din hija skola li taħdem madwar l-Italja kollha u ser inkunu qed inħallsu membership fee biex il-proġett ikun replikat hawn Malta.

**43.4.6 Taħriġ Integrita' u Etika**

Il-President semma li s-Segreatrju Eżekuttiv kien intalab li jattendi dan it-taħriġ mill-Kumissjoni għas-Servizz Pubbliku.

**43.4.7 Tribunali Lokali**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ma kelliex iktar informazzjoni imma wieħed jassumi li d-diskussjoni tkomplew.

**43.4.8 Invoices tal-Wasteserv lill-Reġjuni (Rejects)**

Il-President semma li l-kwisjoni tal-invoices imsemmija kienet għada pendenti u li r-Reġjuni ma jistgħux ikopru dawn l-ispejjeż minn ġewwa. Semma li għdhom għaddejjin id-diskussjonijiet.

**43.4.9 ELoGE**

Il-President li l-Assoċjazzjoni kienet ikkonfermata akkreditata li tati dan l-award lill-Kunsill Lokali. Semma li ser ikun qed jiġi strutturat programm ta' introduzzjoni ma' esperti Taljani li huma wkoll l-esperti tekniċi ta' AICCRE Italia sabiex jingħata taħriġ fuq bażi Reġjonali.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**43.5 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **43.5.1 Board Resoulution (Fixed Term Account)** | Il-President semma li hemm għall-approvazzjoni Baord Resoultion sabiex jiġġedded il-kont fiss mal-APS għas-sitt xhur li ġejjin.<br>Is-Sur Stephen Sultana semma li wieħed għandu jiċċeja wkoll ir-rati ta' intress mal-FCM Bank.<br>Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi li tiġi approvata r-reżoluzzjoni kif preżentata imma issir kuntatt mal-FCM u wieħed jara x' vantaġġi hemm u filkas jibda l-proċess ta' tiġdid mal-FCM. |
| **43.5.2 Human Rights Directorate** | Il-President semma li kien għad mfadal biss il-laqgħa ta' Għawdex. Semma li l-andament tal-laqgħa kien b' mod ġenerali wieħed tajjeb u l-iskop huwa li TCNs jiġbru l-karta tal-identita' tagħhom mill-Kunsill Lokali rispettiv sabiex issir ir-reġistrazzjoni. |
| **43.5.3 CRIHM** | Il-President semma li kienu għadu qed jistenan konferma tal-kontenut. Semma li din l-inizjattiva hija waħda konġunta mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u CRIHM fejn l-iskop huwa li titqajjem aktar kuxjenza fuq il-kura tal-cancer. |
| **43.5.4 Community Police** | Il-President semma li din il-laqgħa għada pendenti u li dejjem qed tkun posposta min-naħa tal-Pulizija tal-Komunita'. |
| **43.5.5 Skema LESA Enforcement** | Il-President semma li din l-iskema jidher li ser tkun qed tiġi amministrata bejn l-Arts Council u l-Aġenzija LESA. |
| **43.5.6 Arts Council – Workshop** | Il-President semma li kien ġie organizzat workshops mill-Arts Council immirat lejn ir-Reġjuni. |
| **43.5.7 Ġbir ta' skart matul il-Lejl** | Il-President semma li kien mistieden mir-Reġjun Port għal-laqgħa mal-kuntratturi sabiex il-kuntratturi eżistenti jagħtu l-veduti tagħhom fuq dak li qed ikun propost. |
| **43.5.8 Waste Management Expo** | Il-President semma li wara ż-żjara ġewwa Bologna sabiex l-AKL tattendi għal Waste Management Expo. Semma li hemm xi proposti li l-AKL ser tkun qed tara kif tista' taħdem fuqhom. Dawn ivarjaw minn sistemi infrastrutturali fejn jinkludu sesnors ta' trakkijiet sabiex wieħed jara il-volum ta' RCV, sensors mal-weighting bridges li wieħed jista' jespolra din is-soluzzjoni wkoll mal-Wasteserv u anki membership ma' Charter tal-Ingilterra għall-ħaddiema maniġerjali li qed jaħdmu fis-settur. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **43.5.9 EWA – Cahrging Pillars** | Il-President semma li l-laqgħa li kella ssir ġewwa Strasburgu saret u fiha kienu kjarifikati diversi punti mir-rapport li kien imniedi. Semma li tajjeb wieħed jirrimarka li l-punti mqajma kienu nnutati u li nġabu għall-attenzzjoni tar-rappreżentanti tal-Kunsill tal-Ewropa. |
| **43.5.10 Taħriġ għall-ħaddiema fi skala 16** | Il-President semma li għaddejja komunikazzjoni mal-EWA rigward Charging Pillars li qed jitwaħħlu fil-lokalitajiet. Semma li kien hemm laqgħa skedata li ġiet ikkanċellata min-naħa tagħhom filwaqt li jidher li l-kuntrattur diġa bdew jinstallaw. |
| **43.5.11 Konfini tal-Kunsilli Lokali** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni irċiviet komunikazzjoni mingħand Nutar li kiteb f' isem il-kamra tan-Nutara. Semma li fil-komunikazzjoni tiegħu qed isemmi li anomalija bejn il-konfini taħt responsabbilita' tal-Kunsill u l-konfini li huma parti mil-lokalita'.<br>Is-Sur Charles Bonello semma li l-konfini huma tal-lokalita' u li dawn huma l-boundaries uffiċjali tal-pajjiż. |
| **43.5.12 ALDA** | Il-President semma li f' Lulju l-Assoċjazzjoni kienet ser tattendi għal-AGM f' Ruma. Semma wkoll li kienet ġiet sottomessa l-claim tal-proġett Focus u li parti minn dan il-proġett kienet saret sessjoni ta' taħriġ ġewwa r-Reġjun Tramuntana. |
| **43.5.13 MCAST** | Il-President semma li l-AKL kienet ser terġa' tkun parteċipi fl-MCAST Summer Camp kif ukoll qed tikkonkludi fuq it-taħriġ tal-ħaddiema fi skala 16. |
| **43.5.14 Business Disability Forum** | Il-President semma li kienet saret laqgħa tal-Business Disability Forum u li kien qed jiġi ċċirkulat dokument li jistabbilixi linji gwida sabiex il-websites ikun aċċessibbli. |
| **43.5.15 Ageing Population** | Il-President semma li kien hemm rikjesta mill-Kunsill Lokali tal-Floriana sabiex wieħed jibda jiddiskuti u anki jkun hemm forum deddikat bejn is-Sindki ta' lokalitajiet li qed jaffaċjaw din ir-realta. Il-President semma li l-AKL qed tkun qed tikkomunika mal-EUPA sabiex possibbiliment wieħed jikseb fondi mill-ERASMUS+ għal proġett li jkun ċċentralizzat fuq din l-isfida. |
| **43.5.16 SAGE** | Il-President semma li kien sar il-kors tas-SAGE MQF level 3. Il-President semma li mill-feedb ack li kien hemm idealment il-kontenut ikun imqassam fuq aktar ġranet. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**43.5.17 Smart City Worls Expo**

Il-President semma li l-AKL kienet tat biljetti għad-dħul lir-reġjuni sabiex jattendu. Semma li dawn il-biljetti jiswew €200 u setgħu jingħataw għaliex l-AKL daħlet fi ftehim ma' Smart City World Expo.

**43.5.18 ALL Digital**

Il-President fakkar sabiex l-Eżekuttiv jattendu għal dan is-Summit kif ukoll hemmx intress mir-Reġjuni li jkollhom stand waqt l-istess summit.

**43.5.19 Uffiċjali Maniġerjali AKL**

Il-President semma li nhar it-8 ta' Lulju kien ser jibda l-impjig tiegħu l-Uffiċjal Maniġerjali fl-Amministrattiv. Kif ukoll hemm is-sejħa miftuħa għall-Uffiċjal Maniġerjali fir-Relazzjonijiet Internazzjonali.
Il-President semma li s-Segreatrju irċiviet komunikazzjoni mid-Diviżjoni għall-Gvern Loakli sabiex dawn il-ħaddiema jibdew fi skala 7 notch 1. Dan b' differenza minn kif ġew approvati is-sejħiet maħruġa li kienu ekwivalenti għas-sejħiet maniġerjali fir-Reġjuni. Il-President propona li fid-dawl li l-Assoċjazzjoni kellha kollox konformi u anki approvazzjoni mid-Diviżjoni abbażi ta' nomenklaturi maniġerjali diġa eżistenti fuq bażi Reġjonali, b' intervisti diġa saru u b' kuntratti ta' xogħol diġa ffirmati, l-AKL għandha tonora dak li kien approvat mid-Diviżjoni fl-ewwel stanza u dak li diġa qed jitħalsu uffiċjali maniġerjali oħra.
Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi l-AKL għandha tħallas lil dawn il-ħaddiema fuq skala 7 notch 7 bħal kumplament tal-ħaddiema maniġerjali fir-Reġjuni.

**43.5.20 Intervisti Segreatrji Eżekuttivi**

Il-President semma li jidher li hemm problema f' xi Kunsilli u anki Reġjuni fejn klawżola li ddaħħlet fil-proċess tal-linji gwida għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv inbidlu. Il-President semma li qatt u fl-ebda ċirkulari ma kien hemm indħil fuq Board approvat mill-Kunsill/ Reġjun rispettiv kemm jekk magħmul minn kunsilliera biss jew b' membri esterni. Semma li issa jidher li d-Diviżjoni għall-Gvern Loakli qed tobbliga lill-Kunsill bilfors ikollu Board tal-Għażla maħtur minn Membri Eletti biss.
Dawk preżenti tkellmu li żgur ma fiha xejn ħażin anzi hiaj aktar professjonali jekk il-Kunsill japprova Board li fih ikun hemm membri indipendenti.
Is-Sur Charles Bonello irrimarka li dawk il-linji gwida huma kontradituorji għal kollox għax Segretarju Eżekuttiv qatt ma jista' jkun Position of Trust.
Il-President informa li hemm xi proċessi li huma sospiżi sakemm ikomplu d-diskussjonijiet. Semma li huwa ser iqajjem il-każ mal-

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

PSMC u anki mal-Ombudsman.

**43.6 Aġġornament**

43.6y.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar l-Erbgħa, 16 ta' Lulju 2025 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**